# 11. L-Anniversarju

Fuq l-għolja,
tal-qamar fid-dija,
tliet romol,
tliet nisa mbikkija,
żewġ bniet flimkien m'ommhom,
iżuru lill-qabar
ta' żwieġhom: il-baħar …

U taħthom fil-btala
il-baħar jixxala.

Sena ilu,
ħa jkabbru tar-raħal lill-festa
żwieġhom
it-tlieta qaddiefa qalbiena
lill-baħar qalil
sfidaw biex iġibu
qassis mill-art l-oħra,
u l-baħar għarraqhom bla ħniena! …

U qalet ix-xwejħa sena ilu:
"O San Ġużepp
kemm għandek dik qalbek bla ħniena
ħaddtilna
l-irġiel tagħna t-tlieta!"

Fuq l-għolja t-tliet romol
taw daharhom lill-festa,
u msikkta,
imnikkta,
b'ċuqlana fuq rashom
b'wiċċ għasli
mill-qamar imdawwal
iħarsu lejn il-qabar
ta' żwieġhom: il-baħar…

U taħthom itambar
tar-raħal il-ferħ
bla ħniena

bħall-mewġ fuq ix-xtajta bla serħ!

28/5/1967

*Ommi dejjem tgħidli bil-ġrajja li seħħet fil-Qala, meta tliet sajjieda marru biex iġibu lil Dun Indri minn Selmun għall-festa ta' San Ġużepp. Għerqu t-tlieta huma u sejrin. Il-kliem li qalet ix-xwejħa ma ħloqtux jien imma smajtu minn fomm ommi.*